**Appell ippreżentat fit-3 ta' Frar 2022 minn CX mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) fl-24 ta' Novembru 2021 fil-Kawża T-743/16 RENV II, CX vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża C-71/22 P)**

(2022/C 441/03)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* CX (rappreżentant: É. Boigelot, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea

Permezz ta' digriet tad-29 ta' Settembru 2022, il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) ċaħdet l-appell bħala parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat u kkundannat lill-appellanti tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.

---

**Appell ippreżentat fit-28 ta' Frar 2022 minn FT *et* mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) fil-15 ta' Diċembru 2021 fil-Kawża T-227/20, FT *et* vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża C-168/22 P)**

(2022/C 441/04)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Appellanti:* FT *et* (rappreżentant: J.-N. Louis, avukat)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea

B'digriet tal-5 ta' Ottubru 2022, il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) ċaħdet l-appell bħala manifestament inammissibbli u kkundannat lill-appellanti jbatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

---

**Appell ippreżentat fit-28 ta' Frar 2022 minn FJ *et* mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) fil-15 ta' Diċembru 2021 fil-Kawża T-225/20, FJ *et* vs SEAE**

**(Kawża C-170/22 P)**

(2022/C 441/05)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Appellanti:* FJ *et* (rappreżentant: J.-N. Louis, avukat)

*Parti oħra fil-proċedura:* Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna

B'digriet tal-5 ta' Ottubru 2022, il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) ċaħdet l-appell bħala manifestament inammissibbli u kkundannat lill-appellanti jbatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

---

**Appell ippreżentat fit-2 ta' Marzu 2022 minn FJ *et* mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) fil-15 ta' Diċembru 2021 fil-Kawża T-619/20, FJ *et* vs SEAE**

**(Kawża C-171/22 P)**

(2022/C 441/06)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Appellanti:* FJ *et* (rappreżentanti: J.-N. Louis, avukat)

*Parti oħra fil-proċedura:* Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna

B'digriet tal-5 ta' Ottubru 2022, il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) ċaħdet l-appell bħala manifestament inammissibbli u kkundannat lill-appellanti jbatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

---

**Appell ippreżentat fit-2 ta' Marzu 2022 minn FZ *et* mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) fil-15 ta' Diċembru 2021 fil-Kawża T-618/20, FZ *et* vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża C-172/22 P)**

(2022/C 441/07)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Appellanti:* FZ *et* (rappreżentant: J.-N. Louis, avukat)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea

B'digriet tal-5 ta' Ottubru 2022, il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) ċaħdet l-appell bħala manifestament inammissibbli u kkundannat lill-appellanti jbatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landgericht Frankfurt am Main (il-Ġermanja) fid-29 ta' Lulju 2022 – AQ vs trendtours Touristik GmbH**

**(Kawża C-511/22)**

(2022/C 441/08)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Landgericht Frankfurt am Main

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* AQ

*Konvenut:* trendtours Touristik GmbH

**Domandi preliminari**

1) L-ewwel sentenza tal-Artikolu 12(2) tad-Direttiva (UE) 2015/2302 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar pakketti tal-ivvjaġġar u arranġamenti tal-ivvjaġġar marbuta, li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/314/KEE ([1]) (id-"Direttiva dwar pakketti tal-ivvjaġġar") għandha tiġi interpretata fis-sens li, minbarra d-dritt previst fl-Artikolu 12(1) tad-Direttiva dwar pakketti tal-ivvjaġġar, tipprovdi dritt ta' xoljiment addizzjonali, li l-effetti legali tiegħu japplikaw biss meta l-vjaġġatur jinvoka tali dritt fid-dikjarazzjoni tiegħu ta' xoljiment tal-kuntratt?

2) L-Artikolu 12(2) tad-Direttiva dwar pakketti tal-ivvjaġġar għandu jiġi interpretat fis-sens li l-obbligu li titħallas tariffa ta' xoljiment jibqa' japplika meta l-vjaġġatur ma jkun indika ebda raġuni fid-dikjarazzjoni ta' xoljiment tiegħu tal-pakkett tal-ivvjaġġar jew ikun indika raġuni li ma hijiex relatata ma' ċirkustanza inevitabbli u straordinarja?

([1]) ĠU 2015 L 326, p. 1

---